# IL-ĠRAJJA BIKRIJA TAL-KNISJA MATRIĊI T'GHAWDEX 1435-1551

G. Wettinger

*(Edizzjoni ġdida b'xi żidiet)*

Malta, July 1975

## KELMTEJN QABEL

*F'din it-taħdita li tajt fl-okkażjoni tal-festi li saru f'egħluq it-tliet mija u ħamsin sena minn meta l-Matriċi t'Għawdex bdiet tif-funzjona bħala kolleġġjata kont ħallejt barra kważi għal kollox id-dokumenti tal-qorti tal-Isqof li sibt snin qabel u kont diġà għarbilt u għaraft is-siwi tagħhom u semmejthom f'taħdita oħra li għamilt erba' snin ilu bħala ta' l-aqwa siwi għall-istorja t'Għawdex — kif jidher stampat f'*Maltese History: what Future?, *ed. A. Williams u R. Vella Bonavita, p. 100. Deherli li kien għad baqa' ħafna xi jsir qabel ma setgħu jinħarġu għall-pubbliku. Id-data, ngħidu aħna, ta' ħafna minnhom m'hijiex kompluta għax is-sena trid tinstab billi wieħed jifli l-kontenut u jqabbel ħaġa m'oħra, u mhux dejjem wie-ħed jirnexxilu jsibha. Ħafna minn dan ix-xogħol għamiltu, ieħor għadu mhux lest. Iċ-ċirkostanzi madankollu issa jġegħluni naħtaf din l-okkażjoni biex minn dawn id-dokumenti, indaħħal xi dettalji ġodda ta' natura vitali dwar liema kienu l-parroċċi f'Għawdex qabel is-sena 1551 u kemm kienu qodma. Kien forsi meħtieġ ukoll għall-konvinzjoni ta' xi wħud, li nirfed dak li sibt "fil-kopja tas-sena 1633 tal-kopja tas-sena 1545" tad-dokumenti Għawdxin li użajt għat-taħdita billi nżid dettalji minn dawn id-dokumenti ġodda li mhumiex kopji iżda dokumenti oriġinali u awtentiċi li jmorru 'l ura, f'każ minnhom, sal-1449 u jirreferu għal ġrajjiet ta' tmienja u għoxrin sena qabel. Billi qed inħejji xogħol itwal fuq il-ħajja u l-ekonomija Għawdxija fis-snin ca. 1400-1551, nitlob il-qarrejja jaħ-fruli jekk bawnhekk żammejt dan il-materjal ġdid ftit kemm jista' jkun. Nitma' wkoll li waħedhom jindunaw bl-importanza tiegħu u jgħadru n-nuqqasijiet li għad fadal — u jkollhom ftit sabar ieħor.*

*Din it-taħdita kienet ippubblikata l-ewwel darba fi: C. Scicluna u G.B. Gauchi (edituri),* Tifkira taċ-Ċelebrazzjonijiet li saru fil-knisja katidrali tad-Djoċesi Għawdxija f'Egħluq it-350 Sena mit-Twaqqif tagħha bħala l-Ewwel Kolleġġjata t'Għawdex 1623-1973 (Malta, 1974).

GODFREY WETTINGER

# IL-ĠRAJJA BIKRIJA TAL-KNISJA MATRIĊI T'GHAWDEX 1435-1551

Għaddew daqs mitejn sena minn meta l-istoriku magħruf Għawdxi Agius de Soldanis kiteb l-istorja tiegħu t'Għawdex illi fiha daħħal tagħrif dettaljat fuq kull ma għadda minnu Għawdex fis-sekli ta' qabel żmienu.[1] Fost l-oħrajn, ġabar u għaqqad flimkien il-ġrajja tal-knisja, tal-kunventi, parroċċi u knejjes żgħar imxerrdin qalb ir-raba mal-medda kollha tal-gżira. Tana wkoll ħafna tagħrif fuq kif il-knisja ta' Santa Marija fil-Kastell t'Għawdex saret Kolleġġjata, u wieħed kien jaħseb li ma kienx se jħalli ebda ħaġa barra.[2] Iżda, b'għaġeb kbir tagħna, ikollna nistqarru li l-aqwa kapitlu li seta' jikteb baqa' ma kitbu qatt — il-kapitlu li jitħaddet fuq il-Matriċi t'Għawdex fis-seklu ħmistax u fis-snin li ġew wara, sa meta ġew it-Torok fis-sena 1551 u kaxkru l-biċċa l-kbira tal-Għawdxin taż-Żmien tan-Nofs magħhom fil-jasar. Ma nafx x'kien li ġegħlu jaqbżu dan il-kapitlu Agius de Soldanis. Jista' jkun li ma rax b'għajnejh id-dokumenti li se nsemmi jien iżda qagħad fuq kitba mibnija fuqhom minn ħadd ieħor għal xi għan ieħor, bħall-istudju tal-benefizzji.[3] Jista' jkun li għalhekk ma kellux il-materjal sħiħ kif jinstab fid-dokumenti skond il-kopji li rajt jien. Hi kif inhi, De Soldanis iħalli barra għal kollox kulma kellu x'jaqsam mal-matriċi qabel id-data li fiha saret kolleġġjata fis-sena 1623. Aħna se naraw eżatt x'tagħrif fuq din il-knisja ewlenija t'Għawdex sa mis-sena 1435 nistgħu niksbu mid-dokumenti awtentiċi ta' dawk iż-żminijiet, l-ik-

[1] Kan. Gian Francesco Agius de Soldanis, "Il Gozo Antico e Moderno", kopja ddedikata lill-Isqof Alpheran de Bussan fl-1746, fil-Biblijoteka Rjali ta' Malta (RML), RML Mss 145 u 145a; miġjuba bil-Malti u mitbugħa fl-Istamperija tal-Gvern mill-Mons. Dun Ġużepp Farrugia bl-isem *Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu*, żewġ volumi.

[2] *Ibid.*, trad. ta' Dun Ġ. Farrugia, it-Tieni Ktieb, 1953, faċċati 16-45.

[3] Fl-Arkivju tal-Katidral t'Għawdex hawn kopja ta' ktieb manuskritt ta' dix-xorta li għad ma kellix l-okkażjoni narah ħlief darba għal mument. Fil-Biblijoteka tal-Belt hemm ieħor: "Gozzo: Giuliana delli Beneficii positi nell'Isola del Gozzo fatta da me Beneficiato Lorenzo Chircop Muscat (di) Casal Chircop, 1758", RML Ad 73. Fil-Mużew tal-Katidral tal-Imdina hemm: "Giuspatronati in Malta e Gozo". Ara wkoll "Notizie sui benefici ecclesiastici di Malta e Gozo raccolte ...", fl-Arkivju tal-Ordni ta' San Ġwann: AOM 1991.

tar minn dawk li għadhom jeżistu bħala kopji notarili.[4] Dawn il-kopji huma fil-fatt għal kollox ta' min joqgħod fuqhom neħħi xi kultant forsi tibdila żgħira fl-ittri ta' xi kliem, ta' ismijiet ta' postijiet jew kunjomijiet qodma tan-nies biex jingħarfu u jinqraw sewwa minn nies taż-żmien ta' meta ntgħamlu l-kopji, u forsi xi żball ħafif. Anki dan it-tibdil, kif ukoll dak li għedt fuq xi żball ħafif, huwa biss possibilità mhux ippruvat, neħħi l-konfużjoni ċara fuq isem Dun Pawlu Ġirubutino.

L-ewwel ħjiel ta' siwi li għandna ta' din il-knisja jmur lura sassena 1435 meta, eżatt fit-12 t'Ottubru, insibu lil Nucio (Johannuccio) de Episcopo, Għawdxi, iħalli xi ħaġa żgħira lill-kappillan tal-Knisja Matriċi ta' Santa Marija u jagħti lill-altar maġġur tal-istess knisja matriċi tnax-il ratal xemgħa maħduma.[5] Hawn, jiġifieri sitt snin biss wara li l-Mori kienu għamlu straġi fil-gżejjer Maltin u l-iktar f'Għawdex, din il-knisja tagħna kienet diġà "matriċi". L-użu ta' din il-kelma ta' min jinnotah sewwa. Mhux biss juri l-importanza ta' din il-knisja fil-gżira t'Għawdex iżda wkoll huwa xhieda li Għawdex kellu parroċċi oħra anki fis-sena 1435. Dan kollu jfisser li għandna hawn xhieda ta' storja twila qabel din id-data, għax wara kollox id-data 1435 tfisser biss li ma baqalniex dokumenti eqdem minnha: kollha nqerdu maż-żmien, forsi fil-ġrajjiet imdemma u mnikkta tas-sena 1429. Il-kelma "matriċi" tixhed ukoll li tal-inqas parroċċa waħda oħra Għawdxija ħarġet minnha. Għandi ngħid ukoll li l-ebda knisja oħra f'Malta jew Għawdex ma kienet kostantement tissejjaħ "matriċi" f'dawk iż-żminijiet bikrija.

Veru li ta' kultant knisja tissejjaħ "matriċi" jew "knisja omm" sempliċement għax tkun knisja parrokkjali f'parroċċa fejn hemm xi

[4] In-nutar Domenico Portelli għamel din il-kopja notarili fis-sena 1633 tal-kollezzjoni ta' testmenti miġbura u kkopjati fis-sena 1545 li għandhom x'jaqsmu mal-benefizzji Għawdxin. Il-kopja tal-1545, kienet saret fuq it-talba ta' Dun Antonju Curmi, teżorier tad-Djoċesi quddiem il-Vikarju Dun Josepho Manduca. Din għadha qatt ma ġiet f'idejja s'issa: għandha tkun x'imkien fil-kurja arċiveskovili tal-Belt: cf. Ms. "Giuliana del Benefici di Gozo", f'dak l-arkivju. Il-kopja notarili tan-nutar Portelli kien qalli biha ħabibi l-Patri Mikiel Fsadni, O.P. Dawn il-kopji ta' testment fihom biss il-paragrafi li jitkellmu fuq legati tal-knisja, twaqqif ta' ġus-patronati u *legati pii* oħra. Il-kopja tan-nutar Portelli qegħda fl-Arkivju Notarili, il-Belt (NAV), R 399/7, folji 255-325.

[5] "Item cappellano Sanctae Mariae matricis Ecclesiae et cetera ... Item lego ad ministerium divini cultus altari maiori Sanctae Mariae matricis Ecclesiae predictae terrae de cera laborata rotulos duodecim": fit-testment tiegħu quddiem in-nutar Andrea de Beniamino, 12 t'Ottubru 1435, kopja tan-nutar D. Portelli, NAV (Arkivju Notarili, Valletta), R 399/7, fol. 276v.

knisja oħra filjali tagħha avolja ma tkun ħarġet ebda parroċċa minnha. Hekk ngħidu aħna, meta f'kitba qadima tas-seklu ħmistax insibu lill-knisja parrokkjali ta' San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ tissejjaħ "matriċi" dan bil-fors kien biex tingħażel minn fost kemm kien hemm knejjes oħra f'dik il-parroċċa tat-tliet irħula żgħar ta' Ħal Mula, Ħal Dwin u Ħal Muxi li kollha kellhom il-knejjes tagħhom;[6] sa fejn hu magħruf qatt ma ħarġet ebda parroċċa minn dik ta' Ħaż Żebbuġ. Hekk ukoll insibu, fl-istess seklu ħmistax, lill-knisja ta' Santa Marija ta' Birmiftuħ tissejjaħ "matriċi" f'kitba li tirreferi ukoll għall-knisja ta' San Niklaw tal-Gudja li kienet filjali tagħha, "ad opus ecclesie sancti Nicolai casalis Gudie necnon et matricis ecclesie sub vocabulo sancte Marie cappelle Bir Mifituch".[7] Niftakru li Birmiftuħ kien għadu ma nissel ebda parroċċa minnu sa fejn nafu. Iżda f'Għawdex il-knisja ta' Santa Marija fil-Kastell kienet meqjuma u magħrufa bħala l-"matriċi" t'Għawdex kollu fi żmien meta nafu sewwa li Għawdex diġà kellu parroċċi oħrajn, kif nafu minn dokumenti awtentiċi ta' dak iż-żmien stess. Hekk, fil-proċess li sar fil-qorti tal-Isqof fis-sena 1449 insibu lil wieħed mix-xhieda jgħid x'kien intqal xi tmienja u għoxrin sena qabel "fil-misraħ tal-Kastell (*terra*) t'Għawdex u wisq iktar [x'kien] qed jingħad fil-parroċċa ta' San Ġakbu", donnu li jagħtina x'nifhmu li San Ġakbu diġà kien parroċċa lejn is-sena 1421;[8] ċertament ikollna naħsbu li kien parroċċa fi żmien li sar il-proċess, jiġifieri fis-sena 1449. Fl-1479 insibu l-istess isem ta' parroċċa jingħata lill-knisja ta' Santa Marija ta' Savina,[9] u fl-1506 tmiss lil dik ta' San Ġorġ biex tieħu l-istess titlu.[10] Għalhekk nistgħu ngħidu mingħajr biża' ta' xi għelt li fil-

[6] Mużew tal-Katidral, Mdina, CEM/AO, vol. 9, fol. 41, datata l-20 ta' Settembru tat-tnax-l Indizzjoni, mingħajr indikazzjoni tas-sena preċiża.

[7] *Ibid.*, vol. 3, fol. 87.

[8] Skond ix-xhieda li ta Dun Herricus de Friderico fis-16 ta' Novembru XIII Indizzjoni (1449): *ibid.*, vol. 2, fol. 8v. Għal San Ġakbu ara: "ecclesiam olim vocatam sancti Marci nunc vero ab annis decem infra Sancti Francisci positam in Rabbato .. terre Gaudisii Melivetani diocesis prope ecclesiam parrochialem Sancti Jacobi", 11 ta' Settembru 1545: Mużew tal-Kattidral, l-Imdina, CEM/RAO, vol. 1541-50, fol. 201.

[9] Margarita, mart Pawlu Xeibe, ħalliet għalqa lil din il-knisja li kienet tal-parroċċa tagħha: "Item reliquit Ecclesiae Sanctae Mariae vocatae Savina suae parochiae unam galgatam terrae ...", 12 ta' Mejju 1479: NAV, R 399/7, fol. 289.

[10] Testment ta' Ġann Andrea Bonnichi fit-28 ta' Settembru 1506: "Item reliquit pro suis peccatis et male ablatis tam certe quam incerte Ecclesiae Sancti Georgii Parrochiali Rabbati Gaudisii et pro fabrica eiusdem Ecclesiae Ita quod elexit et elegit debere sepeliri intus Ecclesiam predictam Ita quod procuratores dictae Ecclesiae debent facere expensas funerarias videlicet cenam condecentem et facere

bidu tas-seklu sittax Għawdex diġà kellu, barra l-matriċi, jew knisja omm, ta' Santa Marija tal-Kastell, tliet parroċċi oħra kollha mqegħdin fir-Rabat. Dawn kollha baqgħu parroċċi tal-inqas sal-miġja tal-Misilmin fis-sena 1551. Fl-1545 Dun Ġużepp Manduca għamel żjara lil Għawdex bħala l-Vigarju tal-Isqof Cubelles. Fir-reġistru taż-żjara tiegħu ħalla lista tal-quddies li kien isir skond ix-xewqat tal-fundaturi "fil-matriċi u fil-knejjes parrokkjali u fil-kappelli tal-belt (*terra*) t'Għawdex".[11] Il-matriċi hija msemmija l-ewwel, warajha tniżżlet fil-lista l-knisja parrokkjali ta' Santa Marija Savina bi tliet qassisin inkarigati b'dan il-quddies, imbagħad hemm il-knisja parrokkjali ta' San Ġakbu b'sitt qassisin, u fl-aħħar hemm il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ b'qassis wieħed li kien iqaddes quddiesa minn din ix-xorta fil-kappella ta' Santa Katerina. Dawn kollha kienu jiffunzjonaw bħala parroċċi, jekk noqogħdu fuq dak li kien isir fil-parroċċa ta' San Ġakbu fl-1548. Dan jidher mill-proċess li għamel Dun Antoninu de Lucia f'dik is-sena: hu kien viċi-kurat ta' din il-parroċċa u stqarr li dejjem qeda dmiru sewwa bħala qassis twajjeb u bħala "curatu et ... cappellanu dila ditta parrochia di Sancto Jacobo quali officio haui seruito, facto et ministrato, havendo curam animarum easque gubernando ia (i.e. *già*) si fanno anni septi circa citra".[12]

Forsi jkun hawn min jgħid li dan kollu li għadni kemm għedt fuq din is-sena 1435 ma jistax ikun minnu għax f'Malta stess ma kienx qabel is-sena 1436 li l-Isqof de Mello qassamha f'parroċċi barra t-tnejn qodma li kien hemm qabel, u ma jistax ikun li Għawdex kien diġà mgħammar b'għadd ta' parroċċi qabel ma kienet Malta, gżira ikbar u b'iktar nies u bi kleru ikbar. Fil-fatt, iżda, wieħed ikollu jistqarr li ma hemm assolutament l-ebda dokument tas-sena 1436 li juri li De Mello waqqaf ebda parroċċa. Il-magħruf "Rollo" tiegħu ma jwaqqaf ebda parroċċi, iżda huwa lista twila ta' għexieren ta' benefizzji li kienu jeżistu f'Malta f'dik is-sena mqassma

celebrari per sex presbiteros tam in die obitus quam in die octavo quarteno die et in anniversario unam lentiam sive galcham terrae aratoriae existentem in contrata cortin alias di la canna que fuit Andreae Finara ...": *ibid.*, fol. 300v. Bonnichi kien joqgħod fil-Kastell.

Għandna nżommu quddiem għajnejna li dawn ir-riferenzi għall-parroċċi t'Għawdex m'għandhomx x'jaqsmu mad-data tal-fondazzjoni tagħhom iżda huma biss id-dati ta' l-eqdem dokumenti li jirriferu għalihom u li għadhom jeżistu u ġew quddiem għajnejn dan il-kittieb.

[11] Mużew tal-Katidral, Mdina, CEM/RAO, vol. 1541-56, folji 237-241v. Dan ir-reġistru m'huwiex biss fuq Għawdex imma għandu ħafna fuq Malta wkoll.

[12] *Ibid.*, CEM/AO, vol. 28 (1548) fol. 204.

fost il-kleru ta' dak iż-żmien, u fiha jissemmew għaxar kappelli jew parroċċi.[13] Iżda mkien ma jirrgħad li waqqafhom De Mello, u l-probabbiltà hi li kienu ilhom xi wħud minnhom jekk mhux kollha, ftit sewwa weqfin. Wara kollox is-snin tletin tas-seklu ħmistax kienu snin in-niket u l-għaks fiż-żewġ gżejjer wara x-xhur ta' taqlib politiku ta' żmien Monroy, wara l-ħerba li ġieb miegħu l-inżul tal-Mori fl-1429 – meta mijiet ta' nies, forsi tliet elef, insterqu minn dawn il-gżejjer – wara l-miġja tal-pesta li ġiet wara, u n-nuqqas tal-ikel.[14] Ma kienx żmien l-espansjoni, la fis-settur ċivili, l-anqas f'dak ekkleżjastiku. Mela Għawdex kellu iżjed minn parroċċa waħda u Malta ħafna iżjed minn tnejn fis-snin 1435-36, u kien laħaq għadda ftit taż-żmien sewwa mindu ż-żewġ gżejjer tqassmu hekk. Dan hu fatt importantissimu fil-ġrajja tal-iżvilupp tal-Knisja f'dawn il-gżejjer, fatt li għadu ma ntgħarafx sewwa is-sinjifikat tiegħu u għadu ma daħalx kif jixraqlu fil-kotba tal-istorja tal-knisja f'dawn il-gżejjer.

L-anqas ma jista' wieħed forsi jgħid li t-testment tal-1435 bil-fors fih xi żball meta semma din il-knisja bħala "matriċi", għax hemm diversi testmenti oħra tal-istess seklu magħmula minn Għawdxin u b'nutara Għawdxin li jużaw din il-kelma "matriċi" għal din il-knisja, biex ma noqogħdux insemmu dawk tas-seklu ta' wara. Hekk jagħmel it-testment ta' Damiata mart Antoni Raspullo, fit-18 ta' Frar 1446, u dak ta' Andrea de Theobaldo tal-14 ta' Mejju 1489, u dak ta' Leonardu Apap fl-atti tan-nutar Jacobo Sabara, fl-1 ta' Lulju 1490, li jsejħilha: "il-Knisja tal-glorjuża verġni Santa Marija, knisja matriċi ta' Għawdex".[15] Nistgħu ngħidu li dawn kollha huma xhieda ta' din il-ħaġa, sa ċertu punt maqtugħin minn xulxin u għal-hekk iktar ta' min joqgħod fuqhom: li din il-knisja kienet meqjusa bħala matriċi, isem li baqa' ma ngħata qatt f'dawk iż-żminijiet b'din it-tifsira eżatta lil ebda knisja oħra la f'Għawdex u la f'Malta għalkemm jissemmew tliet knejjes fir-Rabat t'Għawdex bħala parroċċi diġà, u b'isimhom, fis-seklu ħmistax jew il-bidu tas-sittax.

[13] Ara l-kopja tar-Rollo ta' De Mello fil-manuskritt RML 721, item 2.

[14] Mons. A. Mifsud, "Le Franchigle Costituzionali Alfonsiane e l'Invasione dei Mori del 1429 nella Compilazione della Storia di Malta", *Archivum Melitense*, vol. III, 363-369.

[15] Hekk dak tal-1445: "Item legavit Ecclesiae matrici dictae terrae Gaudisii vocabulo Virginis Mariae Insignitae ...": NAV, R 399/7, fol. 293; dak tal-1489: "apud ecclesiam Sanctae Mariae matricis dictae terrae", *ibid.*, fol. 258v; dak tal-1490: "in Ecclesia gloriosae Virginis Sanctae Mariae matricis Ecclesiae Gaudisii", *ibid.*, fol. 295rv.

Kif wieħed jista' jara, id-dokumenti ewlenin li fuqhom, u kważi fuqhom biss, tista' u għandha tinbena l-ġrajja ta' din il-knisja f'dawk iż-żminijiet huma tista' tgħid kollha testmenti. Dawn kienu testmenti tan-nies għonja ta' dak iż-żmien, li fihom ħallew ħafna minn ġidhom lil din il-knisja bħala tpattija għal dnubiethom. Kif wieħed jistenna, fihom għalhekk wieħed jiltaqa' fost dawn in-nies ma' l-iżjed ismijiet magħrufa tas-seklu ħmistax: nies bħal dawk tal-familji ta' Navarra, ta' Nasis, ta' Pontremolo, ta' Mompalau u ta' Castelletti. Ħafna minn dawn kienu ta' nisel barrani, u kienu mlaħħqa sew fil-gvern tal-gżira u fit-tmexxija tan-nies tagħha. Kien hemm ukoll oħrajn ta' livell iżjed baxx, bħal dawk ta' Ċini, ta' Bonniċi, ta' Theuma, u tan-nutar Saliba, fost oħrajn. Dawn kienu tista' tgħid kollha ta' nisel Għawdxi, u kollha kellhom ġid kbir f'Għawdex – f'artijiet, djar, rziezet, ġonna u għana ieħor.

Fatt importanti li nitgħallmu minn dawn id-dokumenti hu dwar il-kappelli li żdidulha din il-knisja lejn tmiem is-seklu ħmistax u l-ewwel nofs tas-seklu ta' wara. Niltaqgħu ma' l-ewwel ħjiel tagħhom fis-sena 1494 meta, eżatt fil-21 t'Awissu, in-nobbli Sinjura Pawla de Navarra, f'żieda tat-testment tagħha, stqarret li riedet li tinbena kappella li tagħti għall-matriċi f'post fejn kien l-iżjed jaqbel. Il-kappella kellha tkun iddedikata lil Santa Marija ta' Loretu. Ix-xewqa tagħha kienet li dan ix-xogħol isir fi żmien sentejn minn mewtha.[16] Din il-kappella tal-Madonna ta' Loretu tissemma' fit-testment ta' Federiku Navarra, neputi ta' Pawla, tas-16 t'April 1533: għal Federiku din kienet il-kappella tiegħu u ta' ħuh Ugolinu, li hu jgħid li kienet tinstab fil-knisja matriċi ta' Santa Marija.[17] Tnax-il sena warajh Ugolinu nnifsu, fit-testment tiegħu,

[16] "Ex codicillis nobilis quondam Paulae de Navarra. Die 21 Augusti 15 Indictionis 1494. Patet nobilem Dominam Paulam de Navarra hodie paulo ante suum condidisse testamentum manu mei notarii predicti (Not. Jacobu alias Pini Saliba) modo melius prospiciens quaedam voluntate mutata praesentes condidit codicillos manu mei notarii predicti praesentibus infrascriptis testibus et cetera. In primis et cetera. Item voluit, disposuit, et mandavit edificari, construi et fabricari quandam cappellam aperientem infra ecclesiam matricem dictae terrae et Insulae in illo loco quo aptius aedificari potest arbitrio expertorum ad expensas haeredum universalium ipsius testatricis sub vocabulo gloriosissimae Virginis Mariae de Loreto et hoc infra terminum annorum duorum a die obitus dictae testatricis enumerandorum et cetera. Item voluit et cetera. In reliquis vero dictum eius testamentum plenissime confirmavit.": NAV, R 399/7, fol. 259v.

[17] "Item dictus testator asserit quod quondam nobilis donna Francia olim relicta quondam nobilis Federici Pontremolo avia materna ipsius testatoris in suis ultimis quibus decessit ordinavisset et constituisset che ipso nobilis Federico insemble

jirreferi għaliha bħala "il-kappella jew bażilika tal-imsemmi manjifiku, Ugolinu, li kienet twaqqfet mill-mejta nobbli sinjura Pawla Navarra, ... fil-knisja matriċi t'Għawdex".[18] Ugolinu rranġa li wara li titlesta minn kollox din il-kappella kull meta kienet teħtieġ flus għat-tiswija tal-ħitan tagħha jew għal xogħol ieħor hi tkun tista' teħodhom mill-ġuspatronat li waqqaf fuq ħabel raba fl-inħawi tad-Dabrani, li kien fiha daqs modd raba b'kollox, biex b'hekk il-kappella tkun tista' tissewwa jew terġa' tinbena skond kif ikun meħtieġ.

Din il-kappella tan-Navarri ma kinetx waħidha. Fl-10 ta' Marzu 1501, is-sinjura Francia, armla tan-nobbli Federiku de Pontremolo, ħalliet li għandha tindifen "fil-knisja ta' Santa Marija, il-knisja maġġura jew matriċi", fil-kappella li l-werrieta tagħha kellhom jibnulha fiha.[19] U fid-19 t'Awissu tal-1532 in-nobbli Pietru Mompalao

con lu nobili Ugolino Navarra so frati fachissiro uno calichi di argento per la capella che hanno intra Sancta Maria matricis Ecclesiae vocata Sancta Maria dilorito et che lo dicto calichi ha di serviri la dicta capella loco et quo ad partem contingetem eidem testatori voli che si facza lo dicto calichi di argento tam de introytibus et redditibus bonorum ipsius testatoris quam de bonis dicti nobili Ugolini et per presentem legatum voluit, vult che omnino si facza per modum ut supra et non lo lassari in carico di sua anima": *ibid.*, fol. 303v.

[18] "Instituit ... in animagium sive Jus patronatus unam petiam terrae seminatoriae salmae unius ordei sitam et positam in territorio Gaudisii in contrata Dabrani ... quam quidem petiam terrae voluit cunctis temporibus imperpetuum dari et conferri de sacerdote in sacerdotem per magnificum Andreottam de Navarra eius filium legitimum et naturalem et suos heredes et successores cum hoc quod benefitialis qui pro tempore fuerit electus et presentatus teneatur et debeat tam pro remissione ipsius magnifici Ugolini quam omnium suorum antecessorum celebrare missam unam quolibet die lune in perpetuum Infra capellam seu basilicam dicti magnifici Ugolini olim per quondam nobilem donam Paulam de Navarra eius matrem fundatam sub vocabulo sanctae Mariae de Loreto Intus matricem Ecclesiam Gaudisium cum hoc pacto, lege, et condictione quod postquam dicta cappella fuerit expedita et completa per ipsum magnificum Ugolinum incumbente exinde eidem cappellae aliqua necessitate tunc fructus redditus, et proventus huiusmodi Juris patronatus teneantur et sint obnoxii dum erit necesse ad fabricam siva marammata et alias ... reparationes ipsius cappellae Ita quod semper et quandocunque contigerit eam cadi seu aliter docui dictus magnificus Andriotta eiusque heredes et successores possint et valeant de et super fructibus dicti Juris patronatus reficere ac de novo fabricare cappellam predictam sine contradictione alicuius beneficialis seu rectoris qui pro tempore fuerit dicti Juris patronatus. Et nichilominus pro modo ipse Magnificus Ugolinus nominavit et nominat ... In oratorem et beneficialem ipsius Juris patronatus Venerabilem Donnum Leonardum Dallo presentem": *ibid.*, fol. 322rv.

[19] "Item suam sepulturam elegit in ecclesia Sanctae Mariae maiori sive matrici Ecclesiae dictae terrae intus capellam ibidem construendam per dictos infrascriptos

ukoll ħalla li għandu jindifen fil-kappella li kellha tinbena fil-knisja matriċi fil-post fejn kien laħaq beda x-xogħol tal-bini tagħha.[20] Hu riedha titla' skond kif kien ftiehem ma' Ġanni Ballistrera. Kellu jkollha tribuna żgħira tagħha, ħajt fin-nofs (aktarx ħajt baxx), u siġġijiet jew dikkieni (jiġifieri dkieken). Dawn ta' l-aħħar kienu bħal targa tal-ġebel li soltu nsibuhom mal-ħajt bejn il-ħnejjiet fil-

suos heredes ... altaris maioris cappellae predictae respectu electionis predictae ipsa testatrix relinquit nichilominus palium unum de velluto serico coloris et valoris emendo secundum discretionem ipsorum infrascriptorum heredum suorum quibus quidem infrascriptis heredibus suis ipsa testatrix iussit et mandavit sicque eos aggravavit debere cunctis temporibus dum vixerint quolibet die sabbati de nocte accendere lampadam per eos super sepulturam ipsius testatricis fiendam et imponendam et post dictorum suorum heredum vitam Deo ... longevam ipsi heredes ipsius testatricis teneantur et debeant per heredes eorum sic accendendam mandare et fieri debere vel saltem ipsius lampadis accensui relinquere tumnas quatuor terrae aratoriae de terris ipsius testatricis ita quod modo iam dicto possit perpetuo quolibet die sabbati de nocte ut predictum est lampadam accendere super supulturam ipsius testatricis infallenter": *Ibid.*, fol. 307rv. It-testment huwa ddatat "Dominicae Incarnationis MD mense Martii decimo die mensis eiusdem".

[20] "Item elegit eius sepulturam intus capellam fabricandam in Ecclesia matrici dictae terrae ubi iam incohata est et voluit iussit et mandavit quod huiusmodi cappellotta habeat fieri ad Juditium et ordinationem magistri Joannis Ballistrera prout tamen inter eos videlicet Inter ipsum nobilem testatorem et dictum magistrum Joannem accordatum est cum sua tribunetta et muro medio et suis sedibus seu ut dicitur duccheni et cum scalis, introitu, et exitu suo et prout loci natura dictae cappellae suadet et dividenda intus ipsam cappellam et alteram ibi construendam per nobilem Ugolinum Navarra pro cuius quidem cappellae praestimonia reliquit et legavit pro remissione suorum peccaminium bona infrascripta unam petiam terrarum aratarum in territorio Gaudisii in contrata cabese quae fuerant et erant Donni Lanceae Apap; Item unam aliam petiam terrae quae fuit Antonii Petri de Federico in contrata Ain Abduni sub lege et conditione quod prestimonium huiusmodi ita collatum in benefitium dictae Ecclesiae sit obnoxium prestationi et celebrationi trium missarum cunctis temporibus pro remissione peccaminium dicti nobilis testatoris die lune qualibet hebdomada die mercurii et die sabati primo lune fiet per Reverendum Donnum Nicolaum Castelletta eius parrochialem cappellanum pro remissione peccaminum ipsius testatoris, secundo vero de die mercurii per Venerandum Donnum Joannem de Naso debeat celebrari pro remissione peccaminum nobilis Donnae Elisabettae eius uxoris, de die vero sabbati per Venerandum Donnum Rodericum de Miglares pro remissione peccaminium nobilis Donnae Emiliae eius filiae; Ita tamen quod dicti Reverendi Patres ... sacerdotes inter se dividere debeant fructus provenientes ex territoriis equali sorte et si dicti sacerdotes neglexerint seu alias minime ad impleverint uices missarum ut supradictum est quod heres infrascriptus ipsius testatoris possit et valeat sibique licebit et licitum erit ab ipsis sacerdotibus seu aliquo ipsorum auferre terras predictas et alteri sacerdoti conferre ad supplendum opus pium predictum et quod predicti sacerdotes supra nominati et pro tempore eligendi teneantur heredem ipsius testatoris expectare ad divina celebranda in missis predictis": *Ibid.*, folji 312v f.

knejjes iż-żgħar ta' dawk iż-żminijiet. Mompalao ried li l-kappella tiegħu jkollha tarġien u dħul u ħruġ għaliha, jiġifieri bieb separat, skond kif kien iħalli li jsir il-post fejn kellha titla'. Kellha tkun ma' ġenb dik il-kappella l-oħra li kellhom jibnu dawk tal-familja Navarra, iżda maqtugħa minnha. Għandna għalhekk għax nifhmu li l-kappella tan-Navarra kienet għadha ma tlestietx għal kollox. Fl-aħħar, fis-7 ta' Jannar tas-sena 1543 tissemma' "l-kappella" jew "bażilika" dedikata lil Santa Katerina li kienet għadha kemm inbniet mill-manjifiku Ġanni Castelletta ma' ġenb "il-knisja l-kbira tal-belt u l-gżira ta' Għawdex".[21] Hekk nistgħu ngħidu li nafu bi żgur li din il-knisja matriċi t'Għawdex kellha maħsub għaliha, qabel ma ġew it-Torok fis-sena 1551, tal-inqas erba' kappelli b'kollox — u dan biss sa fejn nafu aħna — jiġifieri dik tal-familja Navarra, iddedikata lill-Madonna ta' Loretu, dik tal-familja ta' Pontremolo, dik tal-Mompalao, u l-aħħar waħda dik tal-Castelletta ddedikata lil Santa Katerina.

Din li jinbnew kappelli magħquda jew imissu ma' xi knisja jew oħra fis-snin li qed insemmu ma kinetx xi ħaġa li ġrat biss madwar din il-matriċi t'Għawdex. Kien hemm f'din l-istess gżira u fir-Rabat innifsu knisja oħra parrokkjali li kellha kappella oħra ddedikata lil Santa Katerina tmiss magħha.[22] U f'Malta, kif jaf kulħadd, il-Katidral tal-Imdina wkoll kellu l-kappelli tiegħu, bħal ma kellha l-knisja tad-Dumnikani tar-Rabat ta' Malta, u bħal ma kellu jkollha, biex ma nsemmux oħrajn, il-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien xi żmien wara.[23] Dawn il-kappelli kollha wara żmien ftit u xejn twil

[21] "Item volens et mandans pro remissione peccaminum ipsius magnifici testatoris et suorum antecessorum ac etiam eius magnificae uxoris suorumque successorum in celebrari singula hebdomada duas missas die luni et die veneris imperpetuum intus cappellam seu basilicam sub vocabulo Sanctae Catherinae noviter fabricatam et constructam per ipsum magnificum testatorem apud maiorem Ecclesiam terrae et Insulae predictae per Venerabilem Donnum Leonardum Dallo et Venerabilem Donnum Cataldum de Rigio quamdiu vixerint in humanis et post ipsorum Donni Leonardi et Donni Cataldi mortem per alios duos sacerdotes ...": *Ibid.*, fol. 321rv.

[22] "Quod dictus Donnus Laurentius Laczo et successores eius cunctis temporibus in aeternum et de aevo in aevum teneantur celebrare quolibet die sabbati unam missam in Ecclesia sanctae Catherinae coniuncta Ecclesiae Sancti Georgii Rabbati Gaudisii ad laudem dictae Beatae Virginis Sanctae Catherinae": testment ta' Laurencius Bonanno 12 ta' Novembru 1539: *ibid.*, fol. 318rv.

[23] Studju dettaljat tal-Katidral ta' Malta għadu ma sarx! Għall-knisja tad-Dumnikani tar-Rabat ta' Malta: M. Fsadni, O.P., *Il-Miġja u l-Ħidma ta' l-Ewwel Dumnikani f'Malta, 1450-1512*, faċċ. 53-60. Għall-knisja ta' Ħal Tarxien ara: Kan. V. Borg, *Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien*, faċċ. 43-72.

ittieħdu biex fuq l-art tagħhom titkabbar il-knisja ewlenija bil-bini tal-korsiji tal-ġnub – ħaġa li l-knejjes bikrija ma jidhirx li kellhom.

L-anqas ma għandna għax naħsbu li kappelli ta' din is-sura telgħu biss madwar knejjes u santwarji. Ħafna minnhom telgħu ħdejn xulxin f'xi ċimiterji magħrufa kemm f'Malta u kemm f'Għawdex. Oħrajn telgħu għalihom waħidhom qalb ir-raba jew fl-irħula ż-żgħar.[24] Ħafna minn dawn issa nqerdu biż-żmien. Oħrajn għadhom jidhru sal-lum iżda kollha tista' tgħid kellhom jinbnew mill-ġdid ħafna drabi fis-sekli ta' wara.

Is-sidien ta' dawn il-kappelli ta' ħdejn il-matriċi Għawdxija u benefatturi oħra tal-matriċi nnifisha ma naqsux li jħallu ħafna minn ġidhom għax-xiri ta' dak kollu li knisja f'dak iż-żmien kienet teħtieġ kemm għall-użu tal-kappelli kif ukoll għall-użu tal-knisja nnifisha. Hekk fl-1501 is-sinjura Francia de Pontremolo ħalliet biex jinxtara drapp tal-ħarir għat-tiżjin tal-kappella li riedet li tinbena f'din il-matriċi kif diġà għedna: għal-lewn u għall-valur ħalliet f'idejn il-werrieta tagħha.[25] Riditħom ukoll, għat-tul kollu ta' għomorhom, jixegħlu lampa fuq qabarha kull nhar ta' sibt bil-lejl, drawwa li kellhom ma' mewthom jgħadduha lill-werrieta tagħhom. U għal dan il-għan ħalliet erba' tomniet raba. Iktar minn tletin sena warajha, in-neputi tagħha Federiku Navarra stqarr li nanntu riditu, lilu u lil ħuh, jagħmlu kalċi tal-fidda għall-użu tal-kappella u għalhekk issa ried li l-kalċi jintgħamel minnufih, biex ma jibqax iżjed fuq il-kuxjenza tiegħu.[26] Ftit xhur biss qablu, Pietru Mompalao wkoll ħalla li jintgħamel kalċi ieħor tal-fidda għall-użu tal-kappella tal-familja tiegħu.[27] Kellu jqum ħamsa u għoxrin dukat, u

[24] J. Cassar Pullicino, "Malta in 1575: Social Aspects of an Apostolic Visit": *Melita Historia*, II, No. 1, 19-41, speċjalment faċċati 27-28.

[25] Ara d-dokument miġjub fin-nota 13.

[26] Għat-testment ta' Federiku Navarra tas-16 t'April 1533, ara s-silta u r-riferenza fin-nota 11.

[27] Fiż-żieda tat-testment ta' Pietru Mompalau, 22 t'Awissu 1532, insibu: "Item beneficando cappellam de novo constructum per ipsum codicilatorem intus matricem Ecclesiam usui ergo et commodidati capellae predictae reliquit et legavit calicem de argento valoris viginti quinque ducatorum boni ponderis quem quidem calicem editum et fabricatum eodem pretio voluit ipse codicillator iussit et mandavit minime de dicta cappella extrahi neque exiri posse nec debere sed tantum habeat de servire in dicta capella una cum vestimento eodem loco facto et ad altius calix predictus possit portari de altari in altarem in dicta cappella et per tutta la matrici Ecclesia predicta in qua posita est dicta capella prae maxime in diebus festivitatis corporis Christi ita tamen praeter festum predictum calix ipse non possit exire cappellam predictam": NAV, R 399/7, fol. 313v. Għal silta mit-testment, u riferenza ara nota 14.

ma setax jinħareġ mill-kappella ħlief li fil-festa ta' Korpus seta' jittieħed minn artal għall-ieħor fil-matriċi kollha.

Benefatturi oħrajn li ma kellhomx kappelli tal-familja x'jaqdu għanew il-matriċi nnifisha. Nibdew bil-legat żgħir ta' Nucio de Episcopo, li ħalla tmax-il ratal xemgħa għaliha fis-sena 1435.[28] Warajha insibu fis-sena 1446 lil Damiata, mart Antonju Raspullo, tħalli ħabel raba fl-inħawi ta' Għajn Għabdun u ħabel ieħor fl-inħawi tad-Dbiegi.[29] Din l-art kollha tatha lil din il-knisja mingħajr ma Damiata ma qalet xejn x'riedet li jsir mid-dħul ta' flus minn fuqha. Franġisku Debbus fis-sena 1456 qagħad iktar attent meta ħalla l-artijiet tiegħu kollha li kellu fl-inħawi ta' Għajn Għabidini (Għabduni?) msejħa tal-Għasafar ħlief ħabel wieħed.[30] Huwa ried li mid-dħul tagħhom tinżamm għal dejjem mixgħula lampa quddiem il-kurċifiss ta' din il-knisja ta' Santa Marija tal-Belt t'Għawdex. Mhux biss, iżda ħatar bħala kuratur lill-kjeriku Nikolaw Meillac biex tul ħajtu kollha jibqa' jieħu ħsieb jiġbor u jieħu l-flus minn din l-art u jixgħel il-lampa. Fl-aħħar ta' ħajtu Meillac kellu jieħu ħsieb jaħtar qassis ieħor li jkun jistħoqqlu u li jinqala' għal din il-biċċa.

Il-biċċa l-kbira tal-legati għal din il-knisja marru għall-quddies. Hekk insibu fl-10 ta' Settembru 1465 lil Antonju de Naso (jew "Nasis") iħalli l-ġnien tiegħu msemmi Il-Għejun, bin-nixxigħat u l-egħlieqi li jmissu u jagħmlu miegħu għat-twaqqif ta' ġuspatronat

[28] Għat-testment ta' Nucio de Episcopo ara s-silta fin-nota 5.

[29] Testment ta' Damiata, mart Antonju Raspullo, 18 ta' Frar 1445 ab Incarnatione: "Item legavit Ecclesiae matrici dictae terrae Gaudisii vocabulo Virginis Mariae Insignitae petiam unam terrae aratoriae vocatam Il Bunis (?) sitam et positam in dicta Insula Gaudisii in contrata Hayn Habidun iuxta vineam Bertucii de Federico nec non aliam petiam terrae aratoriae vocatam Tal Hamise sitam et positam in dicta Insula in contrata di Begi iuxta terras Antonii de Suria et iuxta terras Antonii de Manuele cum omnibus et singulis dictarum terrarum iuribus", NAV, R 399/7, fol. 293.

[30] Testment datat 19 ta' Ġunju 1456: "Item ad reverentiam et honorem dominicae passionis legavit seu relinquit Ecclesiae Sanctae Mariae predictae terrae Gaudisii ad opus unius lampadis perpetuo tempore tenendae ante crucifixum ipsius Ecclesiae quae accendi et luminari debeat quolibet die sabati de sero et omnibus festivitatibus praecipuis omnes terras quas habet in contrata Hain Habidini (? Habidun) quae vocantur Tal Hasafar dempta supradicta pecia ibidem sita et posita quam superius legavit predictae Imperiae constituens et faciens procuratorem et executorem huius rei clericum Nicolaum Meillac per totum ipsius clerici Nicolai vitae decursum qui habeat onus colligendi percipiendi et habendi fructus et redditus dictarum terrarum et luminandi dictam lampadem et voluit quod dictus clericus Nicolaus in ultimis suis alium sacerdotem idoneum fidedegnum constituet qui post eius obitum habeat onus dictae lampadis ...", *ibid.*, fol. 284v.

li kellu jingħata għal tul għomru lill-kjeriku Pawlu Inubusino (fil-fatt "Girubutino"), bil-patt li meta dan il-kjeriku jasal biex jilħaq qassis ikollu jqaddes quddiesa darba fil-ġimgħa fl-altar il-kbir ta' din il-knisja għal ħtiġiet ir-ruħ t'Antonju de Naso u ta' ruħ qrabatu.[31] Il-kjeriku Pawlu kien hu nnifsu li kiteb it-testment quddiem in-nutar Andrea de Beniamin u x-xhieda! Fl-14 ta' Mejju tal-1489 Andrea de Theobaldo ħalla erbat itmien raba lil din il-knisja mill-modd raba li kellu f'tal-Għarb, bħala tpattija li jitħalla jindifen fiha.[32] Hu ħalla wkoll nofs modd raba mill-istess għalqa lil Dun

[31] "Antonius de Naso ... manu honesti viri Clerici Pauli de Inubusino me Notario predicto (Andreas Beniabin jew Beniamin) per eundem quondam Antonium vocato... Item volo et ordino quod viridarium meum vocatum Il Heyun cum aquis suis et aquarum decursibus ... cum terris aratoribus circa ipsum viridarium existentis quae hactenus cum dicto viridario locari et ingabellari consueverunt fiat animagium seu Juspatronatus et quamdiu dictus clericus Paulus de Inubusino vixerit in humanis dictum viridarium cum terris aquis et Juribus suis omnibus cum quibus hactenus ingabellari consuevit esse debeat dicti Donni Pauli cum pacto quod ipse Donnus Paulus cum ad sacrum Sacerdotis ordinem fuerit promotus teneatur et debeat bis in qualibet hebdomada celebrare missam pro suffragio et remedio animae meae et pro suffragio animarum parentum meorum et predecessorum medium in Altari majori Ecclesiae Sanctae Mariae ubi corpus meum erit sepultum et de primis fructibus dicti viridarii et dictarum terrarum debeat facere unum calicem pulcrum de argento deaurato et unum vestimentum sacerdotale fulcitum ad opus serviendi in dicto altari in celebratione missarum predictarum addito nihilominus in opera et fabrica dicti calicis argento cuiusdem ballei (?) sive cinguli de serico coloris blevis quod ego habeo seu eius pretium ad ipsius Donni Pauli arbitrium et satisfactionem nam et balteum ipsum cum toto suo guarnimento argenteo relinquo et converti volo in opus dicti calicis et dictus calix cumque vestimento conservari debeantur penes dictum Paulum Donnum quamdiu fuerit in humanis et post ipsius Domini Pauli decessum conservari debeantur et stare in sacristia dictae Ecclesiae pro Divino cultu in dicto altari celebrando et eodem Domino Paulo vitam universae carnis ingresso predictum Juspatronatus sive animagium conferri debeat per infrascriptos heredes meos tribus sacerdotibus pauperibus honeste vitae cum pacto quod quolibet hebdomada in altari predicta pro remedio animae meae et parentum predecessorumque meorum, volo tamen et jubeo quod tam ipse Donnus Paulus quam alii successores eius in perpetuum de gabella seu de fructibus predicti juspatronatus teneantur et debeantur dare quolibet anno in perpetuum Ecclesiae Sanctae Mariae predictae Terrae Gaudisii oleum cadi unius ad luminandum lampadem (sic) majorem Ecclesiae predictae; ordino etiam in hoc impono dicto D. Paulo et ceteris sacerdotibus suis pro racione dicti jurispatronatus in festo Nativitatis Epiphaniae, Paschae Resurrectionis, Ascensionis et Pentecoste debeant celebrare in dicto altari missam sollemnem pro remedio animae meae", NAV, R 399/7, folji 285-286v.

[32] "Item voluit et elegit sibi sepulturam apud ecclesiam Sanctae Mariae matricis dictae terrae cuius quidem sepulturae contemplacione legavit dictae Ecclesiae tomenatas quatuor terrae aratoriae ex quadam salmata terrarum ipsius testatoris sita in contrata Garbi secus terras Francisci Meylac ad fabricam et reparacionem

Pawlu Imbuto (fil-fatt "Girubitino" hawn ukoll) bħala ġuspatronat għal tul ħajtu bil-patt li jqaddislu quddiesa fil-ġimgħa għal dnubietu. Il-ġuspatronat kellu jibqa' jingħata minn niesu lil qassisin oħra wara l-mewt ta' Dun Pawl. Għaxar snin qabel ma ntemm dan is-seklu ħmistax Leonardu Hapap stqarr li xtaq li jindifen f'din il-knisja fejn kienet indifnet bintu Franġiska.[33] Għal dan il-għan ħalla żewġt itmien raba, qisien Għawdxin, lill-knisja, art fl-inħawi tal-Qabbieża.

L-anqas ma naqsu l-legati fis-seklu sittax. Fit-23 t'Ottubru tas-sena 1506 Perna bint il-mejjet Salvu Chini ħalliet darha lil bintha Gratia, bil-patt li jekk Gratia tmut mingħajr ulied id-dar kellha tingħata lill-knisja matriċi għat-tiżjin tagħha, fil-waqt li l-prokuraturi tal-knisja kellhom jagħmlu l-quddies kull sena għal ruħha u għal ruħ bintha, kif kellu jibqa' jsir għal dejjem.[34] Kważi erba' snin warajha Dun Antonju Hapap xtaq iħalli l-għalqa bid-dwieli li kellu fl-inħawi ta' Wied il-Mielaħ biex jitwaqqaf ġuspatronat mħolli f'idejn

dictae Ecclesiae perpetuo tempore ... Item legavit pro remedio animae suae eidem Donno Paulo mediam salmatam terrae aratoriae ex dicta salmata terrae cuius supra legavit tomenos quatuor Ecclesiae Sanctae Mariae pro Indiviso in animagium sive Jus patronatum; quae quidem Donnus Paulus Imbuti tamquam benefitialis dicti Juris patronatus vita sibi perdurante teneatur celebrare unam missam qualibet hebdomada in dicta ecclesia Sanctae Mariae matricis pro remissione peccatorum ipsius testatoris et post obitum ipsius Donni Pauli dictum animagium sive Jus patronatus distribuatur de sacerdote in sacerdotem per heredes ipsius testatoris perpetuo tempore sub conditione predicta", NAV, R 399/7, folji 258v sq.

[33] Testment tal-1 ta' Lulju 1490: "Item elegit suam sepulturam in Ecclesia gloriosae Virginis Sanctae Mariae matricis Ecclesiae Gaudisii in qua fuit humata quondam Francisca filia ipsius testatoris cui quidem Ecclesiae pro dicta sepultura legavit thumenatas duas terrae aratoriae generalis mensurae Gaudisii designandas et segregandas de et ex lentia terrae aratoriae eiusdem testatoris sita et posita in contrata Cabese confinata cum terris Francisci Bonnici et cum terris Francisci Debus secus viam publicam ex latere videlicet conjunctam cum via predicta reservato tamen ingressu et egressu per limites dictarum thumenatarum duarum ad reliquas terras interiores dictae lentiae remanentis", *ibid.*, fol. 295rv.

[34] "Item prelegavit dictae Gratiae suae filiae domum cum Juribus suis in qua ipsa codicillatrix ad presens Jacet infirma stat, habitat et moratur sub hac lege tamen et conditione quod si dicta Gratia mori contigerit sine liberis de suo corpore discendentibus voluit tandem ipsa codicillatrix mandavit quod in tali casu dicta domus sit et esse debeat ac pleno legato relicta dicta Jure perveniat Ecclesiae Matrici dictae terrae pro ornatu tamen quod economi et procuratores et hi qui praesunt in ecclesia ipsa teneantur anno quolibet in ipsa ecclesia piis suffragiis celebratione missarum adiuvare animam ipsius codicillatricis et dictae eius filiae et hoc perpetuo et cunctis temporibus", *ibid.*, fol. 263rv.

neputih Dun Lanceas Hapap, bil-patt li jqaddislu quddiesa kull nhar ta' Sibt fil-knisja matriċi għall-dnubietu.[35] Ftit warajh Antonju Theuma ħalla ħabel raba bħala ġuspatronat ieħor f'idejn kuġinuh, is-suddjaknu Ġanni Theuma, bil-patt li jqaddes quddiesa f'dil-matriċi għal ruħu, ukoll nhar ta' Sibt bħal ta' qablu.[36] Il-qassisin li kellhom jieħdu dan il-benefizzju kellhom ikollhom il-kunjom Theuma u, fil-każ biss li ma setax jinstab xi ħadd ta' dak l-isem, kellhom jintgħażlu minn fost il-qassisin l-iktar fqar ta' din il-Belt li kienu ta' ħajja onesta u tajba.

U hekk wieħed wara l-ieħor nibqgħu niżlin, bi twaqqif ta' xi ġuspatronat jew b'xi legat ġdid kull ftit snin, sa meta ġew il-Kavalieri jew l-Irħieb ta' San Ġwann, u anki wara. Fis-sena 1534 insibu lill-armla tan-nutar Jacobo Saliba tħalli nofs modd raba għal ġuspatronat ġdid, bil-patt li l-qassis li jingħatalu dan il-benefizzju jqaddislu quddiesa darba fil-ġimgħa fl-altar tal-kappella tal-familja Pontremoli – Antonju Pontremolo kien jiġi ħuha.[37] Hija riedet li l-

[35] Testment datat 13 ta' Frar 1510 (1509 ab Incarnatione): "Item voluit vineale suum quod habet in contrata Gued il Melah cum Juribus suis esse et fore animagium sive Jus patronatus conferendum de herede in heredem et dum Don Lanceas Hapap eiusdem testatoris nepos vivat, habeat, teneat et regat dictum animagium et pro remissione suorum peccaminium teneatur canere quolibet die sabbati unam missam apud matricem Ecclesiam dictae terrae in honorem gloriose Virginis Mariae et sic ab inde per quem cumque successorem in perpetuum quod quidem vineale voluit et vult, accordavit et ordinat in animagium ...", *ibid.*, fol. 262v.

[36] Testment tas-26 ta' Mejju 1510: "Item constituit et ordinavit in animagium seu Jus patronatus pro remissione suorum peccaminum ... petiam terrarum sitam et positam in dicta Insula Gaudisii in loco vocato Nigheret appellatam tal Gauga inter hos confines videlicet ab oriente possidet Czullus Theume in parte et in parte nobilis Mattheus Rapa, ab occidente possidet Mattheus Sanctoro et via publica, a septentrione, possidet idem Czullus Theume et alii confines si qui sunt veriores; Quapropter ipse testator voluit et mandavit dictum Juspatronatus immediate post mortem ipsius testatoris regi, gubernari, et detineri per subdiaconum clericum Joannem Theume eius sobrinum et consanguinem in beneficialem et rectorem seu oratorem in ipso animagio et Jure patronatus eius perdurante vita et post ipsius clerici subdiaconi Joannis mortem et decessum voluit dictum Jus patronatus pariter (?) et mandavit conferri per infrascriptos ipsius testatoris ... imperpetuum de sacerdote in sacerdotum de cognomine de Theume suo et si contingat de huiusmodi cognomine minime successione tempore reperiri tale animagium conferre debere propinquiori sacerdoti et sacerdotibus dictae terrae Gaudisii di li chiu poveri che sia in dicta terra honestioris tamen vitae et bonae conscientiae et virtutum cum onere tamen canendi ac dicendi missam in dicta matrici Ecclesia quolibet die sabbati pro remissione peccatorum dicti testatoris", *ibid.*, folji 308v sq.

[37] Testment tat-18 t'Awissu tal-1534: "Item ordinavit fieri animagium sive Jus

l-benefizzju tagħha jitgawdu l-ewwel mill-patri Franġisku Manuele u warajh mill-qassis Dun Rodoriku Miglares. Ftit xhur qabilha, in-nobbli Roderiku de Pontremolo waqqaf quddiesa oħra kull nhar t'Erbgħa f'din l-istess matriċi,[38] u fis-sena 1537 Isabella, mart Rodoriku de Missena insibuha tħalli modd sħiħ ta' raba lejn Marsalforn bħala ġuspatronat f'idejn bin ħuha, il-kjeriku Andreotta Caxaro, bil-patt li titqaddes quddiesa kull nhar ta' Sibt fil-matriċi t'Għawdex. Ħallietlu biżżejjed fidda biex jinħadem kalċi, u riedet ukoll li ssir libsa saċerdotali tax-xarten ta' Lixandra.[39]

Dawn il-legati kollha li semmejna huma xhieda qawwija ta' kif kienu jaħsbuha dari: kif kienet taħsibha tal-inqas sezzjoni importanti tal-popolazzjoni, tal-inqas fi tmiem ħajjithom. Huma xhieda

patronatus unius mediae salmae terrarum ordinandum per infrascriptum eius heredem dummodo debet presbiter qui rexerit tale Jus patronatus teneatur qualibet ebdomada cunctis temporibus et imperpetuum celebrare in altare in cappella nobilis Antonii de Platamone fratris sui et detur Venerabili fratri Francisco Manuele et post vitae cursum dicti Venerabilis fratris Francisci cadat Donno Roderico Miglares in animagium", *ibid.*, fol. 316v.

[38] Testment tat-28 ta' Mejju 1533: "In reliquis vero bonis suis mobilibus et immobilibus, iuribus et actionibus universis heredem suum universalem instituit Donnam Margaritam eius uxorem quam etiam instituit fidei commissariam et exequutricem presentis testamenti onerando eius conscientiam facere unam vicem missae in qualibet ebdomada in matrice Ecclesia terrae Gaudisii die mercuri perpetuis temporibus subiugando eius bona hereditaria in dicta missa tribuendo auctoritatem omnibus de eius parentela et cognomine posse cogere et capere de dictis bonis et complere dictam vicem missae ebdomadalem cunctis temporibus in eternum", *ibid.*, fol. 314.

[39] Testment tal-24 ta' Novembru 1537: "Item constituit et legavit unam salmatam terrae segregandam a suis terris appellatis Sined sitis in territorio Gaudisii in contrata Marsalfurni in animagium et Jus patronatus de sursum in deorsum ex parte orientis possidet clericus Andreotta Caxaro per vineam et terras sibi datas per dictam nobilem testatricem a meridie possidet nobilis Calceranus Mompalao, ab occidente est vallonus appellatus Gued (vojt fil-manuskritt), a septentrione possidet testatrix et quod dictum Jus patronatus cedat clerico Andreottae Caxaro suo nepoti ex fratre et quod post vitae cursum dicti clerici Andreottae cedat heredi universali distribuendo et eligendo rectore dicti Jurispatronatus in aeternum de quo in aevum propinquioribus consanguineis ipsius nobilis testatricis cum hoc quod debet in qualibet hebdomada canere unam missam in matrice Ecclesia Gaudisii die sabbati ad laudem Beatae Virginis Mariae cunctis temporibus. Item legavit unam taceam eius argenteam et unum par maniliarum ... de eis fieri unum calix et cedat rectori dicti Juris patronatus per eam constituto cunctis temporibus. Jussit etiam fieri unum vestimentum sacerdotale de lino lexandrino et cedat semper dicto rectori dicti Juris patronatus et dictum Jus patronatus tenetur dare viam vineae dicti clerici Andreottae construnedam in dictis terris cum hoc quod possit transire equitatura con dui barrili carrica ... *ibid.*, fol. 315.

ukoll ta' kif kienu jaħsbuha fuq din il-knisja matriċi n-nies ta' dak iż-żmien. Biss irridu niftakru li hawn jien għażilt dak li għandu x'jaqsam direttament ma' din il-knisja u ħallejt barra, għall-konvenjenza, dak li għandu x'jaqsam ma' knejjes oħra. Irridu niftakru li barra din il-knisja kien hemm parroċċi u knejjes oħra diġà f'Għawdex, li kollha gawdew minn legati oħra bħal li semmejt. Il-bini u t-tagħmir tal-knejjes rurali kien għadu sejjer bla ma jaqta' xejn f'dan is-seklu ħmistax u dak ta' warajh, anki minn nies li għanew il-matriċi. Ninnotaw ukoll li wieħed mill-għanijiet ewlenija fit-twaqqif tal-ġuspatronati kien li jgħinu xi qassis qarib tal-familja tal-benefattur; xi kultant nistgħu nuru li dan il-qassis kien preżenti waqt il-kitba tal-kuntratt.

Dokument wieħed li għadna ma semmejniex jagħtina ftit tagħrif ieħor fuq is-sitwazzjoni ġenerali fis-sena 1517 rigward il-preferenzi tan-nies u forsi fuq il-ġurisdizzjoni parrokkjali tal-matriċi. Fl-24 ta' Diċembru ta' dik is-sena 1517 Nikola Bonnichi u martu ħallew fit-testment tagħhom li fil-każ li wieħed jew ieħor minnhom imut fid-dar tagħhom qalb ir-raba jew fir-Rabat kellu jindifen fil-knisja tal-kunvent ta' Santu Wistin tar-Rabat t'Għawdex. Jekk il-mewt tagħhom tiġri fil-Kastell id-difna kellha ssir fil-knisja matriċi – li jidhirli li kien arranġament prattiku ħafna. Għal dan il-għan huma ħallew tliet iħbula raba.[40]

X'nitgħallmu minnu dan kollu? Nitgħallmu li Għawdex kellu iktar minn parroċċa waħda minn kmieni fis-seklu ħmistax, li din il-knisja ta' Santa Marija kienet meqjusa minn kulħadd bħala il-matriċi t'Għawdex; li din il-knisja stagħniet u kibret b'ħeffa iktar minn ta' l-oħrajn kollha t'Għawdex ta' dak iż-żmien; li l-għonja kellhom ġibda kbira li jindifnu u jħallu flushom u ġidhom għall-

[40] «Item reliquerunt et volunt quod si forte contigerit ambo vel aliquis ipsorum in villa seu rure vel in bonis suis licet videlicet in domo rustica vel in Rabbato quod orbitentur in conventu Sancti Augustini Rabbati Gaudisii et si forte mori contigerint intus terram Gaudisii in Ecclesia Sanctae Mariae matricis Ecclesiae terrae Gaudisii quibus convento et dicti matrici Ecclesiae reliquerunt et relinquunt unum tenimentum terrarum consistentem in tribus lentiis quae asserunt esse capacitatis tumnorum quatuor terre aratoriae et volunt ac praecipiunt quod dictae intelligantur tam pro monumentis et sepulturis dicti conventus quam dictae matricis Ecclesiae Imperpetuum pro eis et heredibus eorum etsi forte aliquis ipsorum mori contigerit intus terram Gaudisii et ... pro dictis Ecclesiis quod unusquisque habeat medietatem cuius tenimenti terrarum limites sunt videlicet ab oriente est similia via publica, ab occidente possident filii quondam Antonii Saliba et a septentrione idem filii de Saliba situm et positum in territorio Gaudisii in contrata Dueyre in loco appellato Cattara», *ibid.*, fol. 302v.

quddies li jitqaddes fiha – forsi għax dawn kienu jgħixu l-iktar mis-swar 'il ġewwa tal-Kastell, forsi għax, billi kienet fil-Kastell, kien hemm iżjed ċertezza li dak li huma riedu li jsir għal dejjem fil-fatt ma jiġix imfixkel u miżmum milli jsir għal dejjem mill-mill-attakki u assalti tal-furbani u għedewwa oħra barranin. Min kellu jgħidilhom li fis-sena 1551 l-anqas is-swar tal-Kastell ma kellhom jiswew għal xejn kontra Sinan Baxà u l-gżira kollha t'Għawdex għaddiet minn burraxka li ħallietha għaxja u mifnija għal seklu sħiħ wara u l-affarijiet hawn Għawdex qatt ma reġgħu ġew għalli kienu qabel dik is-sena 1551.

*Copyright 1975*

*Stampat fil-M.U.P.*